MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Numru. 457/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cassar**

**vs**

**Carmel Borda**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmel Borda ta’ 60 sena, iben Harry u Emilia Massa, imwieled il-Kalkara fis-16 ta’ April, 1947 u residenti ‘Volendam’, Triq A. Caligari, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 409647 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fi Triq il-Kapuccini, Haz-Zabbar, nhar il-5 ta’ Lulju, 2007 ghall-habta ta’ xi 6.30 pm., saq il-vettura tal-ghamla Kia Pride bin-numru tar-registrazzjoni KAK-293 b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-

regolamenti u b' hekk ikkaguna offiza ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Mariella Mizzi minn Haz-Zabbar, kif ukoll offiza ohra hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Vella minn Haz-Zabbar ukoll.

Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsarat fil-vettura li ggib in-numru ta' registrazzjoni KAK-293 ghad-dannu ta' Percius Car Hire Limited u hsarat ohra fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBJ-306 ghad-dannu ta' Ivan Magro minn Haz-Zabbar.

Saq b'mod perikoluz, traskurat u negligenti.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar minn mindu hekk jinstab hati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 27 ta' April 2010 (esebita a fol. 134 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(1) Fl-Artikoli 226(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(2) Fl-Artikoli 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(3) Fl-Artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(4) Fl-Artikoli 15 u 41 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(5) Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar 2011, l-imputat ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija ta' nhar il-Hamis, hamsa(5) ta' Lulju 2007 fejn fi Triq il-Kappucini, Haz-Zabbar, wasal Ivan Magro bil-vann tal-haxix tieghu bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 306. Kif wasal fuq il-post, huwa pparkja l-istess vann tieghu mal-bankina u daqq il-horn sabiex jigbed l-attenzjoni tal-klijenti tieghu li kien wasal fuq il-post. Il-vann msemmi huwa pparkjah fuq in-naha tax-xellug tat-triq u skond ma rrizulta mix-xhieda, dan kien ipparkjat sew mal-bankina. Ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija, wara li semghu l-horn ta' dan il-vann tal-haxix, Mariella Mizzi, flimkien ma missierha Joseph Vella, nizlu mid-dar ta' Mariella Mizzi li tinsab fi Triq Alessio Erardi, Haz Zabbar, u marru sabiex jixtru l-haxix fi Triq il-Kapuccini, Haz Zabbar. Waqt li Mariella Mizzi, missierha u certa Faustina Fava, kienu qed jixtru l-haxix, u posizzjonati kwantu ghal Faustina Fava, mal-gemb tal-vann u cioe mat-triq, Joseph Vella fuq in-naha ta' wara lejn nofs il-vann, Mariella Mizzi fuq in-naha ta' wara lejn il-lemin tal-vann w il-bejjiegh tal-haxix, Ivan Magro, fuq in-naha ta' wara pero lejn in-naha tal-bankina u cioe' tax-xellug, giet karozza minn warajhom misjuqa mill-imputat Carmelo Borda, liema vettura hija tal-ghamla Kia Pride bin-numru tar-registrazzjoni KAK 293, u li skond ma xehed l-istess imputat kemm meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar 2011 kif ukoll meta xehed quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali[1], fixklitu x-xemx f'ghajnejh u bhala konsegwenza baqa' diehel fil-vann li minnu kien qed jinbiegh il-haxix u li kien ipparkjat fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Skond l-imputat Carmelo Borda, dan l-incident sehh peress li, hekk kif kien qieghed attent biex ma jhokkx ma vettura ohra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta peress li dik il-parti tat-triq kienet titwessa l-bankina u ghalhekk il-parti kareggjabbli tat-triq kienet tidjiq, propru f'dak il-hin giet ix-xemx f'ghajnejh u ma setghax jara x'kellu quddiemu, u cioe' l-vann tal-haxix bin-nies madwaru qed jixtru l-haxix. Mill-provi rrizulta li per konsegwenza ta' hekk huwa baqa' diehel bil-vettura

[1] Il-Process verbal relattiv jinsab inserit a fol. 14 tal-atti processwali.

minnu misjuqa f'dan il-vann u qabad bejn il-vettura tieghu u l-istess vann, lil Mariella Mizzi, li rrizulta mic-certifikati medici esebiti u mix-xhieda tal-varji tobba li kkurawha u minn professjonisti ohra fis-settur li provdew assistenza medika ohra li din sofriet griehi ta' natura gravi liema griehi gabu debilita' permanenti ta' 55% skond ma jirrizulta mic-certifikat u mix-xhieda tal-konsulent Dr. Joseph Briffa[2]. Mill-provi fil-fatt irrizulta li sfortunatament Mariella Mizzi kellha jkollha sieqha ix-xellugija minn knee joint l-isfel amputata.

Oltre dan waqt dan l-istess incident, intlaqat wkoll Joseph Vella missier Mariella Mizzi, li skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku nserit a fol. 81 tal-Process Verbal inserit a fol. 14 tal-atti processwali u mix-xhieda ta' Dr. Renzo Degabriele li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta' Novembru 2010 li rrilaxxja dan ic-certifikat mediku, sofra griehi ta' natura hafifa.

Waqt dan l-incident, gew wkoll kagjonati hsarat fil-vettura ta' Ivan Magro u cioe dik bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 306, liema hsara tammonta ghal circa sittin lira maltin u tikkonsisti fil-bdil tal-fanal ta' wara tan-naha tal-lemin tal-vann imsemmi, kif wkoll f'carrier tal-hadid li waqt l-incident, tghawweg u jinhtieglu jinbidel. Din il-hsara saret ghad-dannu ta' Ivan Magro. Ghad-dannu ta' Percius Car Hire Limited, fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAK 293 tal-ghamla Kia Pride, li hija mikrija lil EneMalta u li waqt l-incident kienet qed tigi misjuqa mill-imputat, gew kagunati danni ammontanti ghal tlett mitt lira maltin.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li ma hemmx kontestazzjoni dwar kif gara l-incident. Jirrizulta car li l-vann tal-haxix kien parkeggjat regolarment u ma kien qed johloq ebda ostakolu ghall-utenti l-ohra tat-triq. L-imputat minn dejjem sostna li huwa ma kienx ra l-vann u n-nies madwaru minhabba li waqt li kien qed jikkoncentra sabiex ma jhokkx ma vettura ohra gejja mid-direzzjoni opposta

[2] Traskrizzjoni tax-xhied relattiva inserita a fol. 96 sa 97.

dahlet ix-xemx f'ghajnejh u ghalhekk huwa ma rax il-vann parkeggjat u baqa' diehel fih bil-konsegwenzi li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq. Huwa principju ben assodat fir-regoli tas-sewqan li sewwieq irid izomm 'a proper lookout' ghal dak li jkun qed jigri madwaru fit-triq li jkun qed isuq fiha, huwa m'ghandux biss ikun attent ghal vetturi ohra li qed jipprocedu fit-triq izda anki ghal kwalsiasi haga ohra li tkun fit-triq. Fil-kaz odjern mir-rapport tal-espert tal-Qorti li rega' acceda fuq il-post tal-incident l-ghada fl-istess hin li sehh l-incident de quo seta' jigi kkonstatat li x-xemx bdiet tigi f'wicc dak li jkun bejn wiehed u iehor mitt metru l-boghod mil-vann tal-haxix u fid-direzzjoni minn fejn kien gej 'l imputat. Dan ifisser li x-xemx bdiet tostakola l-vizwali tal-imputat madwar mitt metru qabel ma sehh l-incident. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li una volta li x-xemx kienet qed tostakola l-vizwali b'tali mod li huwa ma setghax jara dak li kien in plain view sa distanza ta' madawar mitt metru qabel il-point of impact, l-imputat kellu jwaqqaf il-vettura tieghu malli x-xemx bdiet tidhol f'ghajnejh u dan sakemm jerga' jkun f'posizzjoni jara x'qed jigri madwaru u b'hekk ikun jista' jerga' jipprocedi fit-triq. Huwa evidenti li l-imputat li kellu x-xemx f'ghajnejh li kienet qed tostakolalu l-vizwali b'mod komplet kif isostni hu ghazel li jkompli jipprocedi fit-triq minghajr ma kien qed jara xejn. Dan l-agir da parti tal-imputat fil-fehma tal-Qorti jammonta ghal sewqan perikoluz u negligenti u ghalhekk hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni mid-difiza dwar il-fatt li n-natura tal-griehi sofferti minn Mariella Mizzi kellhom il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u fi kwalunkwe kaz il-Prosekuzzjoni resqet provi sal-grad rikjest mill-ligi kemm dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Mariella Mizzi kif ukoll dwar dawk sofferti minn missierha Joseph Vella kif ukoll dwar il-hsara kagunata fiz-zewg vetturi nvoluti fl-incident.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-konsegwenzi gravissimi sofferti mill-vittma Mariella Mizzi

fejn hija kellha ssofri l-amputazzjoni ta’ sieq bhala konsegwenza tal-incident izda kkunsidrat ukoll il-kundizzjoni medika prezenti tal-imputat fejn kif irrizutla mill-provi huwa ibati min kidney failure u jattendi tlett darbiet fil-gimgha fl-isptar Mater Dei ghal kura permezz tad-dialysis u kkunsidrat ukoll il-fatt li mill-atti rrizulta li l-parti civili giet imhallsa mill-assikurazzjoni tal-imputat ghad-danni minnha sofferti u fic-cirkostanzi ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja la effettiva u l-anqas sospiza izda li piena pekunjarja vicin il-massimu tkun aktar idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-27 ta’ April 2010 u senjatament l-Artikoli 226(1)(a), 226, 328,17 u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15 u 41 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ tlett elef Ewro (€3,000) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlett (3) xhur minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ sitt mija u sitta u sittin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm666.41) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------